**Laqgha Numru 20/K6/2011**

**Introduzzjoni**

L-Ghoxrin Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 31 t'Awwissu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, il-Kunsilliera Lauro Fava ***(li wasal fil-5.35pm)***, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Dlonk il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli nforma lill-Kunsill li minhabba mpenji ta' xoghol ma jistax joqghod ghal-laqgha u talab li jigi skuzat. Il-kelliem qal li minhabba li mhux ser ikun hemm quorum talab li l-laqgha tigi aggornata ghal darb'ohra.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-Sindku Joe Zammit kien ser ikun imsiefer u ghandu jirritorna nhar il-Hadd 11 ta' Settembru 2011.

***Fid-daqqa u l-hin wasal il-Kunsillier Lauro Fava.***

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli qal li s-Sindku Joe Zammit missu kkomunika mieghu li mhux ser ikun prezenti ghal-laqgha.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat qalet li ta' l-anqas jistghu jigu approvata l-kontijiet.

Il-Kunsillier Joe Brincat qal li ladarba kemm is-Sindku Joe Zammit kif ukoll il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli mhux ser ikunu prezenti, huwa ma kienx lest li jmexxi l-laqgha u ghalhekk ippropona li l-laqgha tigi aggornata ghal wara li jirritora s-Sindku Joe Zammit mis-safar, jigifieri nhar l-Erbgha 14 ta' Settembru fil-5.30pm.

Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn il-Kunsillier Joe Brincat u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Lauro Fava u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutaw kontra. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ghamel uzu mill-casting vote u vvota favur.

Il-mozzjoni ghaddiet.

Il-Kunsillier Lauro Fava qal li kien ivvota kontra minhabba li kien ser ikun hemm 3 Kunsilliera prezenti u ghalhekk kien ser ikun hemm quorum u l-laqgha setghet titkompla apparti l-fatt ukoll li minhabba l-laqgha tal-Kunsill, huwa kellu jitlaq kmieni mill-post tax-xoghol tieghu.

Fis-6.00pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli aggorna l-laqgha ghal nhar l-Erbgha 14 ta' Settembru fil-5.30pm.

| Alfred Mazzitelli | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Vici Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |